**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Oriana Spiteri]**

**vs**

**Jean Fred Caruana**

**Kumpilazzjoni Numru: 427/19**

**Illum, 14 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Jean Fred Caruana** detentur tal-karta tal-identita` numru 169391M gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Mejju 2019, ghall-habta ta' bejn 2230hrs u 2330hrs gewwa Misrah il-Papa Benedittu XV Isla,

Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Emman-Neil Galdes,

u dan ai terminu ta' Artikoli 214, 216(1), 217, 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra *Jean Fred Caruana* a beneficcju ta' *Emman-Neil Galdes u familjari tieghu* u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' *Emman-Neil Galdes u familjari taghha* jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil *Jean Fred Caruana* b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lilli-imsemmi *Jean Fred Caruana* sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta lil *Jean Fred Caruana* bhala persuna recediva meta gie issentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistax jigu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 214, 216(1), 217 u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputat Jean Fred Caruana iddikjara li huwa hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Jean Fred Caruana bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni bikrija u stante li l-imputat ikkoopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni qed issib lill-istess imputat Jean Fred Caruana hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jean Fred Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**